

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 53/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IX ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2012 tal-10 ta' Frar 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/578/UE tat-28 ta' Settembru 2010 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Ġappun bħala ekwivalenti għar-reqwiziti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata f'dan il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 31eb (ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX għall-Ftehim:

"31ec. **32010 D 0578:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/578/UE tat-28 ta' Settembru 2010 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Ġappun

bħala ekwivalenti għar-reqwiziti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 254, 29.9.2010, p. 46)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/578/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-31 ta' Marzu 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2012 tal-10 ta' Frar 2012, skont liema minn dawn tkun l-aktar reċenti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 161, 21.6.2012, p. 26.

⁽²⁾ ĠU L 254, 29.9.2010, p. 46.

(*) L-ebda reqwiziti kostituzzjonali ma huma indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta min-naħa tal-Partijiet Kontraenti għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunta taż-ŻEE Nru 53/2012 tal-30 ta' Marzu 2012 li tinkorpora d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/578/UE fil-Ftehim

"Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/578/UE tat-28 ta' Settembru 2010 titratta l-ekwivalenza għal pajjiżi terzi. L-inkorporazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE."